**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-14 ta' Mejju, 2024**

**Rikors numru: BCT/53/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Paul Mifsud**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

1. *Illi huwa ssottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA/07486/22) liema applikazzjoni ġiet deċiża nhar id-19 ta' Jannar 2023. Kopja tad-deċizjoni/permess approvat anness bħala Dok A.*

2. *Illi bil-ħsieb li jibda x-xogħol, permezz tas-sottofirmat, l-appellant issottometta ma' l Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (l-Awtorità) dikjarazzjoni ai termini tar-Regolament 26 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, liema dikjarazzjoni ġġib id-data tat-30 ta' Awwissu 2023 (kopja annessa Dok B).*

*3. Illi permezz ta kommunikazzjoni datata 1 ta' Settembru 2023 (kopja annessa f' Dok Ċ), l-Awtorità talbet li tiġi sottomessa il-Commencement Notice/Site Managment responsibility form u dan (dejjem skont l-Awtorità) sabiex tkun tista tipproċessa din is-sottomissjoni .*

*4. Illi permezz ta' kommunikazzjoni datata 7 ta' Settembru 2023 (kopja annessa f' Dok D) l-appellant ikkontesta din it-talba għal numru ta' raġunijiet, fosthom;*

- *Illi ma hemm l-ebda relevanza bejn dikjarazzjoni ai termini ta' artiklu 26 u l-Commencement Notice/Site Managment Responsibility Form.*

- *Illi, fuq kollox, Leġislazzjoni Sussidarja 623.06 ma tagħti l-ebda poter lil Awtorità li taċċetta jew tirrifjuta dikjarazzjoni sottomessa skont l artikolu 26.*

*5. Illi bi tweġiba datata 14 ta' Settembru (kopja annessa f'Dok E) l-Awtorità wieġbet u fl-istess tweġiba indikat li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha hi tagħti piż u tikkunsidra min ikun il-perit u/jew l-applikant u/jew il-bennej u/jew is-site manager.*

*6. Illi fit-28 ta' Settembru, l-appellant reġa' kkorresponda mal-Awtorità fejn esprima ruħu fis-sens li jħoss li dawn it-talbiet kollha tal-Awtorità huma ultra vires u talab lill-Awtorità*

*sabiex tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha skont il-liġi (kopja annessa Dok F).*

*7. Illi fit-2 ta' Ottubru, l-Awtorità' wieġbet bi tweġiba xotta (kopja anessa Dok Ġ) fejn kull ma għamlet irreferiet għal korrispondenza ġia mibgħuta minnha u li ġġib id-data ta' 14 ta' Settembru.*

*Minħabba illi is-sitwazzjoni ma' tistax tiġi żblukkata u, aktar minn hekk, minħabba l fatt li l-appellant qed iħoss li l-Awtorità' qed taġixxi barra mil-parametri tal-liġi u lil hinn mill-poter li l-istess liġi tagħti lil-istess Awtorità', l-appellant Paul Mifsud qiegħed jissottometti dan l-appell għal-konsiderazzjoni tat-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni (it Tribunal).*

***Aggravju***

*L-appellant iħoss li t-talba li għamlet l-Awtorità fis-sens li talbet għal- Commencement Notice/Site Managment Responsibility Form sabiex tkun tista tiproċessa dikjarazzjoni ai termini ta' Artikolu 26 hija ultra vires. Barra minn hekk il-ġustifikazzjoni għal tali talba mogħtija mill-Awtorità hija waħda ta' natura diskriminatorja.*

***Talba***

*Għaldaqstant l-appellant umilment jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li tali talba hija nulla u bla effett.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi l-Uffiċjali tal-Awtorita' ser jkunu qegħdin jipprovdu r-raġunijiet fit-trattazzjoni ta' dan l-Appell in sosten tad-deċi'joni tal-istess Awtorita';*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Illi dan huwa appell mid-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar l-1 ta' Settembru, 2023 li permezz tagħha l-appellant ġie mitlub jippreżenta 'commencement notice' u 'site management

responsibility form' u dan bħala parti mid-dikjarazzjoni tal-istess appellant a tenur ta' regolament 26 tal-Avviż Legali 136 tal-2019.

L-appellant jippernja l-aggravju tiegħu għab-bażi li din it-talba hija 'ultra vires' u diskriminatorja. L-appellant jissottometti li l-Awtorita' ma kellha ebda setgħa li titlob dokumenti ulterjuri a tenur ta' regolament 26 u kellha tgħaddi sabiex tapprova jew le id-dikjarazzjoni tiegħu.

Bħala parti minn dawn il-proċeduri xehed Brian Loffreda fejn huwa spjega li fil-prinċipju d-dikjarazzjoni mibgħuta mill-appellant ġiet aċċettata iżda ntalbu dokumenti ulterjuri ai termini tas-setgħa mogħtija lilha mil-liġi. Hu spjega li din id-dokumentazzjoni ġiet mitluba sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-approvazzjoni għall-bidu tax-xogħlijiet.

It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni sub-artikolu 8(2) tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha ċara li:

*8. (1) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att, l-*
*Awtorità għandha tfittex li taġixxi fl-interess pubbliku u f'konformità*
*mal-aħjar prattiki u standards.*

***(2) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tirregola l-kondotta***
***tagħha stess inkluż il-formulazzjoni tar-regoli, l-iskedi u l-proċeduri***
***amministrattivi tagħha stess.***

*(3) L-Awtorità għandha twettaq id-dmirijiet, il-funzjonijiet u rresponsabbiltajiet*
*tagħha skont id-direzzjonijiet strateġiċi tal-Gvern*
*relatati mal-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni kif ikkomunikati mill-*
*Ministru.*

It-Tribunal iqis li d-dokumentazzjoni mitluba taqa' fi ħdan is-setgħa mogħtija lill-Awtorita' intimata mil-liġi. Hija l-Awtorita' li tirregola l-proċedura tagħha u t-talba tagħha għad-dokumentazzjoni hija parti minn din is-setgħa.

Di piu' l-appellant ma preżenta ebda preġudizzju li huwa sofra jew seta' jsoffri kawża tat-talba tal-Awtorita'. Tant li skond Brian Loffreda, l-appellant stess issottometta dak mitlub wara li ġie ntavolat l-appell odjern. It-Tribunal iqis li dak mitlub huwa rilevanti għall-mansjoni tal-Awtorita' u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell.

**Decide**

Għaldaqstant  għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant.

**********************VERU KOPJA TAL-ORIĠINAL***********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |